# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 5 ta' Diċembru, 2023**

**Numru 2**

**Rikors Numru 1170/19TA**

**Dejan Prodanovikj (Karta Tal-Identita 0151316A)**

**vs**

**S. Borg & Sons Limited (C-8587),
Christopher Borg (Karta Tal-Identita 600664M) u John Borg (Karta Tal-Identita 452869M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Dejan Prodanovikj (l-Attur) tas-6 ta' Diċembru 2019 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

1. "Illi r-rikorrent kien impjegat mas-socjeta intimata bhala *deliveryman*;

2. Illi fit-30 ta' Dicembru 2017 ir-rikorrent kien involut f'incident awtomobilistiku waqt li kien fuq xogholu fl-Imsida meta kien qieghed isuq vettura (numru PTS003) proprjeta tas-socjeta kovenuta;

3. Illi dan l-incident sehh unikament kagun tal-intimati jew min minnhom ghaliex naqsu milli jiehdu l-prekawzjonijiet necessarji sabiex jigi assikurat li incident bhal dan ma jsehhx, u kif ukoll ghaliex ma gewx

osservati l-obbligi ta' min ihaddem sabiex tithares is-sahha u-sigurta tal-impjegati, ossia tar-rikorrent;

4. Illi s-socjeta konvenuta kienet diga giet imwissija mir-rikorrent illi l-vettura in kwistjoni kienet tinthieg manutenzjoni, senjatament li jinbidlu xi *tyres* kif ukoll il-*fuel cap*, li pero' baqghu ma nbidlux;

5. Illi r-rikorrent ma kien bl-ebda mod responsabbli ghall-incident stante li dan sehh unikament minhabba l-istat tal-vettura fdata lilu, kif jirrizulta wkoll mir-rapport tal-pulizija hawn anness u mmarkat Dok DP2;

6. Illi r-rikorrent sofra griehi personali fuq persuntu u dizabilita' permanenti, u dan kif certifikat mir-rapport mediku ta' Mr. Alistair Pace hawn anness u mmarkat Dok DP1;

7. Illi kagun ta' dawn il-griehi u dizabilita' ir-rikorrent sofra danni konsegwenzjali li ghalihom huma unikament responsabbli l-intimati jew min minnhom;

8. Illi r-rikkorent talab lis-socjeta intimata sabiex tersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni minnu sofferti, izda din ma resqitx minghajr ebda raguni valida;

9. Illi l-intimati Borg huma diretturi tas-socjeta intimata u bhala tali kienu jafu bin-nuqqasijiet tas-socjeta intimata li wasslu ghal dan l-incident u/jew kienu fid-dmir u naqqsu milli jiehdu l-prekawzjonijiet kollha sabiex l-incident ma jsehhx;

Ghaldaqstant ir-rikorrent qieghed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi l-intimati jew min minnhom kienu unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh fit-30 ta' Dicembru 2017;

2. Tiddikjara illi r-rikorrent sofra griehi personali u dizabilita' permanenti u tistabillixi l-grad ta' dizabilita' subita, dan kollu permezz ta' periti nominandi;

3. Tillikwida d-danni kollha sofferti mir-rikorrent okkorrendo permezz ta' periti nominandi;

4. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom sabiex ihallsu lir-rikorrent id-danni hekk likwidati.

B'rizerva ghad-danni ulterjuri li talvolta jista' isofri r-rikorrent, u bl-ispejjez kontra l-intimati jew min minnhom illi huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni."

Rat ir-risposta ġuramentata ta' S. Borg & Sons Limited, Christopher Borg u John Borg (is-Soċjeta' konvenuta u l-konvenuti rispettivament) tas-16 ta' Jannar 2020 li permezz tagħha wieġbu u eċċipew is-segwenti:-

> "1. Illi preliminarjament l-konvenuti Christopher u John Bog fil-vesti tagħhom personali ma humiex il-leġittimi kontradditturi ta' l-azzjoni attriċi kif ser jiġi ppruvat fil-mori ta' dawn il-proċeduri u għandhom jiġu meħlusa mill-osservanza tal-ġudizzju;
>
> 2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost l-konvenuti ma għandhomx iwieġbu għall-inċident tat-30 ta' Diċembru 2017, liema inċident seħħ minħabba ċirkostanzi estranei għall-konvenuti;
>
> 3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost l-attur jeħtieġlu jġib prova tad-diżabilita permanenti li allegatament isofri minnha u ness bejn l-istess diżabilita' u l-inċident mertu tal-kawża;
>
> 4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost l-konvenuti ma għandhomx iwieġbu għal xi diżabilita' permanenti li talvolta jista' qed isofri minnha l-attur u konsegwentement ma għandhomx iwieġbu għad-danni reklamati mill-attur;
>
> Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-Kawża;

Semgħet ix-xhieda imressqa fil-perkors ta' dawn il-proċeduri;

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet rispettivi tal-partijiet;

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

## Punti ta' fatti

**1.** Il-fatti huma sempliċi ħafna. L-Attur huwa impjegat tas-Soċjeta' konvenuta. Għalkemm il-kuntratt tiegħu ġie impjegat bħala *cleaner* maż-

żmien sar deliveryman għat-tqassim tal-prodotti fi ħwienet retail madwar Malta, li timporta is-Soċjeta' konvenuta.

**2.** Meta fit-30 ta' Diċembru 2017 kien fuq xogħlu, waqt li l-Attur kien qiegħed isuq van tas-Soċjeta' konvenuta, dan il-vann f'dawra fi triq għeleb u għarbula. L-inċident seħħ fl-Imsida' B'kara. Hekk kif inqaleb anke ħareġ xi petrol minn dan il-vann tant li kellha tissejjaħ tac-Civil Protection biex inaddffu t-triq. Skont xhud bl-isem ta' Ahmed " *he was driving behind the van and saw him loosing control and toppling over" (a' fol 21). "The road was closed due to excessive fuel that was being spilled on the road"* (ibid). Jidher li fil-mument tal-inċident l-Attur kellu idejh barra t-tieqa u għalhekk bil-konsegwenza li weġġa' gravament idejh. Miegħu kellu persuna oħra fil-vann li ma jidhirx li sofriet xi ġrieħi.

**3.** L-Attur jgħid li dan l-inċident ġara minħabba li l-pnewmatiċi ossija tyres tal-vann kienu lixxi u għalhekk ma kellhomx "grip" u di piu' it-tapp tat-tank tal-petrol kien diffettuż, fatt li kompla ikkontribwixxa għaż-żlieq. Min-naħa l-oħra, l-konvenuti kollha qegħdin isostnu li l-vann kien fi stat tajjeb tant li kien għadda mill-VRT u di piu' l-Attur kien għaddej b'veloċita' ta' circa 60 jew 70 kilometru fis-siegħa, fattur li kkontribwixxa prinċipalment għall-inċident.

**4.** Għalhekk l-Attur kellu jagħmel din il-Kawża.

**Punti ta' liġi**

**5.** Hawn ninsabu fil-kamp legali tal-ħarsien tas-saħħa tal-ħaddiem fuq ix-xogħol. Irrisulta b'mod ċar li l-Attur huwa tassew impjegat tas-Soċjeta' konvenuta (Ara a' fol 290). Oriġinarjament skont dan il-kuntratt, l-attur ġie hekk impjegat bħala *cleaner* u mhux bħala *delivery man*. Dan ifisser li r-rabta li tesisti bejn il-partijiet hija waħda kjarament kuntrattwali.

**6.** Konsegwentement fl-isfond ta' ġurisprudenza konċernanti r-responsabilitajiet ta' min iħaddem versu l-impjegati tiegħu, irid jittieħed in kunsiderazzjoni dak li jipprovdi l-artikolu 993 tal-Kodiċi Ċivili li jgħid hekk:- "*Il-kuntratti ghandhom jigu esegwiti in buona fede, jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom, izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skond ix-xorta taghha, bl-ekwita, bl-uzu jew bil-ligi".*

**7.** Di fatti fis-**Sentenza tal-Prim Awla deċiża fit-30 ta' April, 1997, fl-ismijiet Joseph Bugeja -vs- Anthony Falzon et pro et noe** intqal hekk:-

"*Dan l-artikolu (993) fuq kwotat igib bhala wiehed mill-obbligi effett ta' dawn il-kuntratt l-obbligu ta' min ihaddem biex jipprovdi kundizzjonijiet fuq ix-xoghol li jassiguraw is-sahha tal-haddiem fl-ambjent tax-xoghol tieghu*".

**8.** Pero' dan ma jfissirx li dan huwa l-uniku artikolu li jirregola dan il-kamp tal-Ligi. Apparti dan hemm liġijiet speċjali u l-avviżi legali li jitnisslu minnha. Di fatti l-Kap 424 tal-Liġijiet ta' Malta ġie imfassal u daħal fis-seħħ espliċitament biex jirregola fid-dettal l-obbligi li għandhom kemm min

jimpjega u kif ukoll l-impjegat sa fejn jirrigwarda l-ħarsien tas-saħħa tal-ħaddiem fuq ix-xogħol.

**9.** Ġie għalhekk ritenut li l-prinċipji ġenerali li jirregolaw is-saħħa u s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol u r-responsabbiltajiet ta' min iħaddem huma ben stabbiliti fil-ġurisprudenza tagħna u anke mfissra f'Liġi speċjali. Bħala prinċipju ġenerali l-ħarsien tas-saħħa u s-sigurta` fuq ix-xogħol għandu jitqies ta' interess pubbliku (Art. 2(a) tal-Att.VII tal-1994 ripetut fl-art 4(1) tal-Att XXVII tal-2000 (Kap 424 tal-Liġijiet ta' Malta)).

**10.** Dan l-obbligu kompla jiġi regolat u msahhah bl-Avviż Legali 44 tas-sena 2002 (LS 424.15) u bl-Avviż Legali 36 ta' l-2003 (LS 424.18). "John Sultana vs Franċis Spiteri et noe" (K. 28 ta' Mejju 1979). Fis-**Sentenzi fl-ismijiet Emmanuel Grech -vs- Carmelo sive Charles Farrugia et noe tas-7 ta' Diċembru 1994 u Keith Caruana -vs- Joseph Paris et noe tat-12 ta' Frar 1999**, jelenkaw b'mod ġenerali d-dmirijiet ta' min iħaddem. Jinghad ukoll li "*Huwa dmir ta' kull min jaħdem fuq post tax-xogħol li jħares is-saħħa u s-sigurta' tal-ħaddiema l-oħra fl-istess post, kif ukoll tiegħu stess*" (Art. 2(2)(c) Att. VII tal-1994). (Ara **Sentenza fl-ismijiet Robert Azzopardi -vs- Gutenberg Press Limited, Qorti Ċivili Prim' Awla, 31 ta' Ottubru 2013**). Fil-waqt li fis-**Sentenza Carmelo Fenech -vs- Malta Freeport Terminals mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim' Awla per Imħallef Joseph R. Micallef fis-16 ta' Mejju 2019**, ingħad illi d-dottrina tgħallem li fil-qasam ta' responsabbiltà dwar korriment li jseħħ fuq il-post tax-xogħol

waqt il-qadi ta' dmirijiet tal-persuna li tkun, japplikaw kemm regoli ġenerali kif ukoll speċjali. Ir-regoli ġenerali jgħabbu lil kull persuna bir-responsabiltà għal egħmil jew nuqqas ta' egħmil tagħha (Art. 1031 tal-Kap 16).

**11.** B'żieda ma' dan, kull min iħaddem irid iwieġeb għal aġir mal-ħaddiem tiegħu sakemm ma jintweriex li dak il-ħaddiem naqas li joqgħod għall-istruzzjonijiet jew għall-prekawzjonijiet li l-imgħallem tiegħu jkun widdbu bihom jew ipprovdielu, jew sakemm ma jintweriex li l-ħaddiem, bi traskuraġni jew b'rieda, ikun hu nnifsu ġab l-effetti tal-inċident b'idejh (Ara **Sentenza App. Ċiv. tat-28 ta' April, 2017 fl-ismijiet Tessie Cardona et vs C.V. Builders Ltd. et**). B'żieda ma' dan, hija regola oħra ewlenija f'dan il-qasam, li l-imgħallem irid jiżgura li jipprovdi lill-ħaddiema tiegħu b'ambjent li jżomm 'il bogħod kull periklu u dan billi jiżgura li jitħaddem sistema xieraq ta' ħarsien minn kull periklu fejn ikun sejjer isir ix-xogħol minnu mitlub.

**12.** Fid-dritt, dan id-dmir iġorr miegħu grad għoli ta' responsabbiltà fuq l-imgħallem, u jaqa' fuqu l-piż li jipprova li l-inċident ikun seħħ minkejja li jkun ħares dak kollu li l-liġi tistenna minnu f'dan ir-rigward. Huwa wkoll dmir li jitfa' fuq min iħaddem il-piż li jieħu miżuri preskritti xierqa (Art. 6(2) tal-Kap 424) u jġib miegħu wkoll id-dmir tal-għoti ta' tagħrif meħtieġ, l-għoti ta' tagħlim u taħriġ u kif ukoll superviżjoni biex titħares is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiem (Art. 6(3) tal-Kap 424).

**13.** Iżda daqstant ieħor huwa stabbilit li dan id-dmir ta' min iħaddem jitlob ukoll li s-sistema tax-xogħol li jkun irid iħares lill-ħaddiema wkoll fil-każ li r-

rutina tal-istess xogħol tnissel sens ta' aljenazzjoni jew traskuraġni (Ara **Qorti Kum, tad-9 ta' Settembru 1981 fl-ismijiet Godfrey Borg -vs- George Wells et noe**). Daqstant ieħor ifisser li jekk sistema jkun ilu jitħaddem għal tul ta' żmien bla ma qatt ikun inqala' xi inċident, dan ma jfissirx li dak is-sistema huwa wieħed sikur jew li jeħles lill-imgħallem mir-rabtiet imposti fuqu mil-liġi (Ara **Sentenza tal-P.A. tal-10 ta' Ottubru1980 fl-ismijiet Calleja -vs- Fino**).

**14.** Irid jingħad ukoll li l-imsemmi grad għoli ta' responsabbiltà li jaqa' fuq min iħaddem ma jeħlisx lil min jaħdem mill-obbligu li jħares is-saħħa u s-sigurtà tiegħu nnifsu u ta' dawk kollha li jistgħu jintlaqtu mix-xogħol li jkun qiegħed iwettaq (Art. 7(1) tal-Kap 424), u b'mod partikolari, għandu jimxi id f'id ma' min ikun qiegħed iħaddmu safejn jidħlu l-obbligi li l-liġi tqiegħed fuq spallejn l-imgħallem u l-awtoritajiet kompetenti (Art. 7(2) tal-Kap 424) u għandu jżomm lura milli jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tesponih għar-riskju bla bżonn u li joqgħod f'kull ħin attent għal dak li jkun qiegħed jagħmel (Ara *sentenza tal-P.A. tat-30 ta' Ottubru 2008 fl-ismijiet Richard Farrugia -vs- Elbros Construction Ltd*). B'mod partikolari, ħaddiem għandu jkun konxju tal-perikli fuq il-lant tax-xogħol tiegħu u ma għandu qatt jagħmel manuvri azzardati li jgħollu r-riskju tal-ħsara jew tal-korriment lilu nnifsu u 'l dawk ta' madwaru (Ara ukoll **Sentenzi tal-P.A. tad-9 ta' Ottubru 2003 fl-ismijiet Kevin Mallia -vs- Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd**).

**15.** Għalhekk fid-dawl tal-liġijiet imsemmija u tagħlim tal-Qrati, din il-Qorti ser issa tgħaddi biex tistabilixxi l-ewwel il-kwistjoni ta' responsabbilita' qabel kull konsiderazzjoni oħra.

**Konsiderazzjonijiet**

*Responsabbilita'*

**16.** Il-Qorti eżaminat bir-reqqa l-provi li għandha quddiemha. Minn dak li jirrisultalha, sa fejn jirrigwarda t-tyres ta' din il-vettura, huwa minnu li dawn huma kjarament mikulin. Fir ritratt dok DP 14 jidher il-petrol imxerred mat-triq (a' fol 1270 u mir-ritratt DP 16 jidher ċar it-tyre mikul a' fol 136 sa 141. Dawn ir-ritratti ittieħdu mill-ħabib tal-attur mill-mobile tiegħu wara l-aċċident fis-27 ta' Frar 2018 (a' fol 263 u tergo). Li dawn it-tyers kienu fi stat ħażin jemerġi ukoll John Bonnici, espert fil-karozzi, fejn fir-rapport tiegħu jgħid hekk: "..*although <u>the tyres are of poor quality and in a poor condition</u>, and in realty, tyres are a key factor to the safe handling of a vehicle, the over turning of the vehicle cannot be attributed to the conditions of the tyres. Are factors are to be considered*…." (a' fol 283 Emfażi tal-Qorti).

**17.** Il-konvenuti jipprovaw jargumentaw li dan ma setgħax ikun għaliex il-vann inkwistjoni kien għadda mill-VRT test. Huwa minnu li ġie esebit ċertifikat tal-MT li jindika li l-vettura kien sarilha t-test fis-7 ta' April 2017 (ara a' fol 81). Minn dan iċ-ċertifikat tassew jirrisulta li min għamel eżami tal-vettura ma jidhirx li rriskontra xi nuqqasijiet fit-tyres għaliex altrimenti

żgur kien jattira l-attenzjoni. B'dana kollu provi ċari oġġettivi tal-istat ta' dawn it-tyres juru mod ieħor. Il-Qorti għalhekk tasal għall-konklużjoni li minn dak in-nhar li sar dan it-test il-vann tant intuża li t-tyres ittieklu jew min għamel it-test ma għamlux tajjeb u ma tkunx l-ewwel darba li smajna bi ħwejjeġ bħal dawn. Għalhekk dan iċ-ċertifikat ma jiswa għal xejn.

**18.** Is-Soċjeta' konvenuta tipprova ukoll targumenta, li l-inċident kien seħħ minħabba veloċita' żejda li kienet bejn wieħed u ieħor bejn sittin u sebgħin kilometru fis-siegħa ikkunsidrat li fil-mument il-vann kien fl-liwja. Di fatti l-konvenut Christopher Borg jgħid, li kien ħareġ speed report li dak in-nhar tal-inċident l-Attur qiegħed isuq b'ċertu veloċita' ta' bejn sittin u sebgħin kilometru is-siegħa (a' fol 282). Li kieku kien hekk allura għandu jkollna biżibilju ta' vannijiet li jinqelbu kuljum.

**19.** Imma aktar minn hekk, il-Qorti eżaminat b'reqqa d-dokument in kwistjoni (a' fol 84 sa 103). Minnu jirriżultalha li kien hemm okkażjoni waħda fejn kien hemm veloċita' ta' 60 kilometro is-siegħa u dan kien fi Triq Dun Karm Imsida fl-14:24.16 hrs (a' fol 103). Issa r-rapport tal-Pulizija jindika li l-inċident sar fis-2:00pm u r-rapport daħal fl-14.05 hrs. Il-konklużjoni hija ċara, li ma jistax ikun dak li qed jgħid il-konvenut Chris Borg, għaliex l-uniku darba li jidher li kien hemm sewqan ta' sittin kilometru is-siegħa ma kienx fil-ħin tal-inċident iżda fis-2.24pm.

**20.** F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel referenza għax-xhud Geremia Ciranna li kien mal-Attur fil-mument tal-inċident u kien qal li dan qiegħed

isuq bl-40 kilometru fis-siegħa (a' fol 247 tergo). Dan jgħid li r-roti kienu disastru u lixxi. Jgħid ukoll li l-Attur kien ilu jgħidilhom biex jibdluhom iżda ma inbidlux (a' fol 248). Il-Qorti temmen lil dan ix-xhud għaliex il-fatti kif rakkontati minnu jikkombaċċjaw mal-provi li għandha quddiemha din il-Qorti.

**21.** Li kien hemm problema fit-tyres fis-sens li kienu fi stat ħażin ġiet ipprovata b'mod ampju għall-aħħar. Għalkemm Bonnici ma jattribwixxix li l-van inqaleb minħabba t-tyres biss xorta ħass li b'mod responsabbli jgħid ukoll li "*tyres <u>are a key factor</u> to the safe handling of a vehicle"* (a' fol 283 Emfażi tal-Qorti). Di fatti Chris Borg meta mistoqsi bil-kelma "merely" fir-rapport inkwistjoni x'jifhem biha wieġeb "Li hemm fatturi oħra". Kompla iżda jgħid "*Imma qed ghid li mhux it-tyres biss* " (a' fol 330).

**22.** Iżda l-konvenuti ressqu ukoll id-difiża, li kellu jkun l-impjegat li jara jekk il-vann kien fi stat ħażin u jirraporta biex issir il-manutenzjoni li hemm bżonn. Fi ftit kliem, il-konvenuti qegħdin jinsistu li dan l-obbligu jaqa' fuq l-impjegat u mhux fuq min jimpjega. F'dan ir-rigward il-konvenut Christopher Borg, wieħed mid-diretturi jgħid "*Ix-xuffiera tal-vannijiet, ghalhekk, <u>kienu responsabbli li jibbukjaw il-van taghhom ghas-services meta jaraw li kien hemm bzonn</u> u fil-fatt, kellhom l-awtorizazzjoni tal-kumpanija jaghmlu dan*." (a' fol 281 Affidavit). Ikompli jinsisti li "*Il-kumpanija ma tistax tiffunzjona sew jekk l-istaff ma li jara li ma jkun hemm xejn li jxekklu w jekk listaff ma jiffunzjonax b'mod efficjenti, u <u>l-istaff ghandu appuntu d-dmir li jara li jkun</u>*

*hemm xejn li jxekklu b'mod milli jaghmel xogholu b'mod efficjenti*" (ibid Emfażi tal-Qorti). Inkredibbilment dan ix-xhud jgħid ukoll li l-Attur kien mar għandu biex jibdlu t-tyres u spjegalu li kellu jmur għand Lino l-aġent tat-tyres. Ikompli jagħmel emfażi li kien dmir l-impjegat li jara dawn l-affarijiet tant li dwar it-tapp tal-fuel qal li kull ma kellu bżonn jmur għand tal-petrol station u jixtrih. Skond dan ix-xhud ladarba l-van kien assenjat lix-xufier kienet fir-responsabbilita tagħhom li jieħdu ħsieb.

**23.** Meta mistoqsi in kontro-eżami jekk kienx hemm xi persuna li tieħu ħsiebhom dawn l-affarijiet wieġeb "*Le, ma kienx hemm dak iz-zmien*". Ma kienx hemm persuna jara jekk dawn il-vetturi humiex fi stat tajjeb u l-anqas spares biex ibiddlu xi parti li tmur (a' fol 330 tergo 331 u a' fol 333 tergo). Meta l-Attur qallu li hemm bżonn jinbidlu tyres, ma qalux tkomplix tużah għax fi kliemu *"ghax ma kontx naf l-istat jekk hux disastruz jew le*" (a' fol 333 tergo).

**24.** Fid-dawl ta' xhieda bħal din, din il-Qorti lanqas taf x'taqbad tgħid għaliex huwa ċar, li l-konvenuti ma fehemu xejn dak li tobbligahom il-liġi kif fuq spjegat u di piu', aktar bħal donnhom moħħhom li s-Soċjeta' tkompli tiffunzjona b'mod effiċjenti mingħajr xkiel milli fis-saħħa ta' min jimpjegaw.

**25.** Il-partijiet sottolinejati minn din il-Qorti kollha jindikaw kemm huwa żbaljat l-ethos tas-Soċjeta' konvenuta li bħal donnha tħalli f'idejn l-impjegat biex iħares lilu nnifsu mingħajr ma jkun hemm xi xorta ta' sorveljanza da parti tagħha, propju kif tobbliga l-liġi, propju biex ikunu evitati inċidenti fuq

ix-xogħol. Ma fehmux li <u>kull min ihaddem ghandu jara b'mod ġenerali</u> fost ohrajn:

*(a) li kull makkinarju, makna, stallazzjoni, impjant, ghodda, taghmir jew apparat f'post tax-xoghol, kif ukoll li kull apparat jew taghmir ta' salvatagg intiz biex jevita jew jelimina perikli, <u>jkun mizmum b'sistema ta' manutenzjoni kif imiss</u>, u ghandu jirranga jew isewwi kull hsara li tista' jew x'aktarx tista' taffettwa s-sahha u s-sigurtà fuq il-post tax-xoghol* (ara reg 5 tal-avviz legali 424/15).

**26.** Is-Soċjeta' konvenuta ma tistax teħles lilha nnifisha bil-leġġerezza li tippretendi mill-obbligi ċari tagħha taħt il-liġi. Mhux biss għandha l-obbligu li tipprovdi għoddod u aġġeġġi maħsuba għax-xogħol li huma fi stat tajjeb iżda ghandha ukoll l-obbligu l-ieħor fuq bażi permanenti li żżommhom fi stat tajjeb biex ma joffru ebda perikolu lill-ħaddiema li jridu jużawhom. Dan huwa li prinċipalment iwassal għal dak li kemm-il darba jissejjaħ "*a safe system of work".* Dawn il-Qrati inħanqu jinsistu li huwa dejjem id-dmir ta' min iħaddem li jipprovdi dik li tissejjaħ bħala "*a safe system of work"*, b'dan li huwa obbligu tiegħu li jipprovdi mezzi, apparat u ambjent li ma jkunux ta' perikolu u riskji għas-saħħa u l-ħajja tal-istess impjegat (Ara Att biex jippromwovi s-Saħħa u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xogħol - Att Numru VII tal-1994 fl-artikolu 2(2)(a) u (b) u Ara **Sentenzi fl-ismijiet John Sultana -vs- Francis Spiteri et noe tat-28 ta' Mejju 1979; Appell, Emmanuel Grech -vs- Carmelo sive Charles Farrugia et noe tas-7 ta' Diċembru 1994; Keith Caruana -vs- Joseph Paris et nominee, P.A. tat-12 ta' Frar 1999**).

**27.** Imbagħad hemm il-kwistjoni l-oħra tat-tapp tat-tank tal-petrol. Huwa żgur dan it-tixtrid tal-petrol jidher fir-ritratti fuq indikati (a' fol 127). Il-Qorti ma għandhiex prova ċara jekk dan ikkontribwixxix għaż-żliq li wassal ukoll biex jinqaleb il-van. Geremia Ciranna jgħid "Skidjajna u ħadna l-bankina" (a' fol 272). Issa jekk dan iż-żlieq kienx attribwibbli għall-petrol jew it-tyres lixxi flimkien, din il-Qorti ma tistax tgħid, iżda hija konvinta li l-vann ma kienx fi stat ta' manutenzjoni tajjeb. Tajjeb ukoll li jingħad li John Bonnici fir-rapport tiegħu għamel ukoll din l-osservazzjoni li "*The left rear wheel shows signs of an oil leak - gear oil leaking from differential through seals*" (a' fol 283 para 7).

**28.** Il-Qorti tfakkar li *"Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli. Kif kompla jinghad fl-imsemmija kawza "Farrugia vs Farrugia", "mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u*

*jkollha taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo"* (Ara **Sentenza tat-30 ta' Ottubru, 2003 fl-ismijiet George Bugeja -vs- Joseph Meilak Prim Awla tal-Qorti Ċivili**).

**29.** Għalhekk fid-dawl kemm tal-provi u kif ukoll tal-prinċipji legali involuti, din il-Qorti issib li s-Soċjeta' konvenuta għandha twieġeb għad-danni sofferti mill-Attur għax naqset minn serji ta' obbligi kif spjegati aktar 'l fuq. Kwantu għall-konvenuti l-oħrajn li ġew ċitati fil-kwalita' personali tagħhom, dawn ser ikunu lliberati mill-osservanza tal-ġudizzju għaliex ir-relazzjoni ġuridika ġiet kjarament ipprovata li kienet dik bejn is-Soċjeta' konvenuta u l-Attur. Ma nġabet ebda prova u lanqas hija premessa, li tesisti xi ċirkostanza fejn din il-Qorti għandha tapplika l-prinċipju tal-"*lifting of the corporate veil"* biex ikunu jistgħu iwieġbu personalment.

<u>*Likwidazzjoni tad-danni*</u>

**30.** Ġaladarba ġiet stabbilita r-responsabbilta' tas-Soċjeta' konvenuta, issa jmiss li jiġu likwidati d-danni.

**31.** Fil-liġi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni hija regolata bl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili li taqsam id-danni f'żewġ aspetti: id-danni attwali (*damnum emergens*) u t-telf ta' qliegħ futur (*lucrum cessans*). Is-somma tad-danni hi rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi permezz tas-sub-inċiz 2 tal-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili.

**32.** Speċifikatament, *damnum emergens* jikkonsisti fit-"*telf effettiv li l-egħmil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali*". Fil-waqt li *lucrum cessans* jikkonsisti fit-"*telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-egħmil seta' jġib.*"

**33.** Kif ingħad is-somma tad-danni hi rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi permezz tas-sub-inċiż 2 tal-imsemmi artikoli 1045 tal-Kodiċi Ċivili: "*Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna ispirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodici Ċivili. Fir-rigward tal-lucrum cessans dan jinvolvi t-telf ta' qliegh futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi mbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' l-inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata, tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja.*" (Ara **Sentenza fl-ismijiet Paul Debono vs Malta Drydocks, Qorti Ċivili Prim' Awla, 27 ta' April 2005**).

*<u>Damnum emergens</u>*

**34.** Kif anke jissottometti l-Attur fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu, dawn ix-xorta ta' danni jikkonsistu biss f'telf ta' paga.

**35.** Il-Qorti eżaminat il-kalkoli magħmula mill-Attur fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu u taqbel li dawn ix-xorta ta' danni jikkonsistu fl-ammont ta' ħmistax-il elf mitejn erbgħa u tletin punt tnejn u erbgħin ewro (€15,234.42) (Ara para 52, 53, u 54 a' fol 372). Dwar dan il-punt partikolari l-konvenuti kull ma qalu hu li ma għandhomx iħallsu danni stante li huma mhux responsabbli għall-inċident (a' fol 406).

_Lucrum cessans_

**36.** L-awtur taljan Torrenti jsostni li "*la valutazione del danno puo' esser laboriosa; basti pensare alla determinazione del risarcimento dovuto per danni arrecati alla persona. E' giusto per tanto, che al giudice sia attribuito in materia in quanto le parti non riescono a trovare un accordo diretto, un ampio potere equitativo.*" (**Torrente, Manuele Di Diritto Privato 11th Ed, pg 652**). Dan donnu li huwa l-każ fis-sistema ġuridiku tagħna skont il-kriterji ġenerali ffissati bis-subinċiż (2) tal-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili.

**37.** B'danakollu intqal, li fl-istat attwali tal-iżvillupp ġurisprudenzjali tagħna l-ġudikant ma għandux għalfejn jaqa' fuq kriterju ekwittativ ta' arbitrio boni viri, meta bl-għajnuna ta' metodu prattikabbli ġiet mill-Qorti stabbilita formula dwar kalkolu ta' kumpens jew somma għad-danni sofferti (ara **Sentenza Michael Butler vs Christopher Heard tat-22 ta' Diċembru 1967**).

**38.** Għal dak li jirrigwarda l-*lucrum cessans*, il-**Qorti Ċivili Prim' Awla per Imħallef Joseph R. Micallef rriteniet fil-kawża ġia ċitata Carmelo Fenech et vs Malta Freeport Terminals p.l.c et** intqal li *"dan il-kumpens irid jitqies fuq it-telf ta' qligħ li l-attur seta' bata diġà minn dak inhar tal-inċident, u wkoll dak li kien se' jkollu jbati 'l quddiem minħabba l-inkapaċità għal dejjem li huwa ġarrab fl-inċident mertu tal-każ;*

*Illi l-kliem "inkapaċita għal dejjem" li ssemmi l-liġi fihom iżjed minn tifsira waħda. Dan għaliex filwaqt li "f'sens mediku tikkomprendi dak id-dannu li għalkemm skaturit minn inċident speċifiku fi żmien partikolari jħalli fuq is-suġġett danneġġjat riperkussjonijiet ta' natura durevoli, f'sens legali tikkonsisti f'dik il-qagħda fejn id-danneġġjat ma jkomplix jużufruwixxi ruħu kif imiss minn dak il-qligħ li kien jirrejalizża kieku ma kienx għall-event leżiv" (P.A. PS 30.1.2008 fil-kawża fl-isimijiet Joseph Fenech et vs Sammy Meilaq noe et (mhix appellata));*

*Illi hemm linja ta' ħsieb li tqis li l-kejl tal-kumpens li l-parti mġarrba jistħoqqilha tingħata jrid ikun immexxi mill-principju tar-restitutio in integrum safejn possibbli u fis-sens li l-għan tal-likwidazzjoni tad-dannu mġarrab għandu jkun dak li jerġa jqiegħed lill-persuna mġarrba f'pożizzjoni daqslikieku ma kien ġralu xejn (P.A. PS 3.10.2003 fil-kawża fl-ismijiet Maria Debono vs Andrew Vaswani (mhix appellata);*

*Illi huwa minnu li l-liġi tagħna tagħraf bejn "telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali" u "telf ta' qligħ li jbati 'l quddiem". Huwa wkoll minnu li dawn iżżewġ*

*kategoriji ta' telf huma magħrufa wkoll f'sistemi evoluti ta' likwidazzjoni ta' kumpens għal ħsara li tħalli korriment, u dan meta jiddistingwu bejn "past pecuniary loss" u "future pecuniary loss". Tant hu hekk, li huwa mgħallem li "Past pecuniary loss comprises special damage and is separately assessed. ... Future loss, on the other hand, comprises part of general damages. It too, must be separately assessed in order to distinguish it from that part of general damages that bears interest ... Obviously, damages for future loss bear no interest; on the contrary, their assessment involves a discount for the early receipt of a lump sum representing successive future loss. The real difference between the two major categories of damage is that past loss is certain, or largely certain, whereas future loss is, by its very nature, uncertain" (Kemp (Ed), Damages for Personal Injury and Death, (3rd Edit.) §§ 3.02 - 3.03, f'paġ. 64)*

*Illi din id-distinzjoni tista' tgħin sabiex tingħeleb l-anomalija li tista' tinħalaq fejn il-parti mġarrba ddum ma tibda l-proċeduri kontra min ikun ġabilha d-danni jew fejn il-kawża ddum tkarkar sakemm tinqata' b'mod finali; Illi l-Qorti tifhem ukoll li l-prattika mħaddna fil-biċċa l-kbira tad-deċizjonjiet ta' dawn il-Qrati hi li l-kalkolu tal-lucrum cessans jittieħed minn dak inhar li jkun seħħ l-inċident jew minn dak inhar li titressaq il-kawża (App. Ċiv. 30.11.1964 fil-kawża fl-ismijiet Cachia vs Conti et (Kollez. Vol: XLVIII.i.500) . Iżda l-kriteru tal-kumpens għal telf ta' qligħ fil-ġejjieni jintrabat sfiq mal-fatt li kull korriment iġib miegħu żvantaġġ li jissarraf f'telf ta' opportunità għall-vittma li, kieku ma kienx għall-inċident, kienet tkun eliġibbli għalihom, imqar*

*jekk wara l-inċident baqgħet tingħata paga sħiħa jew saħansitra tjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħha (App. Ċiv. 7.7.1998 fil-kawża fl-ismijiet Gatt vs Carbone noe (Kollez, Vol: LXXXII.ii.242));*

*Illi ħaġa oħra hi li d-danni attwali konsistenti fit-tnaqqis ta' dħul b'effett dirett tal-korriment f'inċident jistgħu jimxu id f'id u kontemporanjament mat-telf ta' qligħ għall-ġejjieni li jkun beda sewwasew minn dak in-nhar tal-korriment (70 P.A. JSP 31.1.1995 fil-kawża fl-ismijiet Vincent Cutajar vs Alfred Scicluna (mhux appellata)). Huwa għalhekk li jinsab stabbilit ukoll li l-multiplier jibda jitqies minn dak in-nhar tal-inċident kolpuż; Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti taqbel mar-regola mħaddna li l-kejl tat-telf imġarrab mill-attur irid isir bi tqabbil ma' dak li kien attwalment jirċievi kieku ma ndarabx. Id-dħul disponibbli tiegħu kien ikun dak id-dħul li jifdallu wara li jitnaqqsu l-kontribuzzjonijiet għas-sigurtà soċjali u t-taxxa tad-dħul. Hekk ukoll jaħsbu l-awturi li wieħed l-aktar joqgħod fuqhom bi ħwejjeġ bħal dawn (Kemp op cit. §§ 3.29 – 3.30 f'paġ. 73). Għalhekk meta l-Qorti tqis il-kumpens, sejra timxi fuq il-qligħ nett li l-attur wera li kien daħħal."*

**39.** Il-prinċipji bażiċi tal-mod kif jiġu kalkolati d-danni futuri ġew stabbiliti fil-kawża illum ormai klassika ta' **Butler -vs- Heard.** Jista' jkun li din il-Kawża ma stabbilitx l-aqwa kriterji possibbli iżda sa issa proviet l-aħjar kriterji għal kalkolu tad-danni. Ovvjament dawn il-prinċipji evolvew maż-żmien permezz ta' pronunzjamenti oħra ta' dawn il-Qrati bħal dik ċitata aktar illum. Fil-qosor dawn huma l-prinċipji.

**40.** Kwantu għal kalkolu fuq medda ta' żmien imsejħa multiplier illum huwa stabbilit li dan għandu jkun mill-eta' mill-mument tal-inċident sal-eta ta' pensjoni u cioe' ta' 65. Dan mhux prinċipju fiss fis-sens li tul ħajja ta' bniedem hemm diversi fatturi li jiddeterminaw il-lonġevita' tiegħu partikularment fid-dawl tal-avvanz tal-mediċina fil-kura tas-saħħa. Għalhekk mhux regola fissa li tkun daqstant fit-tul jekk jirrisulta li l-persuna minħabba kundizzjonijiet persistenti għas-sinistru kienet diġa' fi stat ta' saħħa ħażin li ma kienux jippermetulha li tgħix sa 65 bħal ma persuna li fil-mument tas-sinistru kienet qrib jew saħansitra żebqet il-65 sena u tkun għadha tista' tkompli b'ħajjitha b'mod normali.

**41.** Fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti, l-Attur twieled fit-2 ta' Lulju 1978. Dan ifisser li fil-mument tal-inċident fit-30 ta' Diċembru 2017 kellu 39 sena. Dan ifisser li kalkolu ser isir fuq medda ta' 26 sena.

**42.** Huwa ukoll stabbilit, li mill-ammont likwidat iridu jitnaqqsu 20% li jirrapresentaw il-konsum mis-somma finali kieku dak dovut kien imħallas fil-ħin. L-ermenawtika sentenzjali lokali stabbiliet li dan l-ammont għandu jitnaqqas kemm-il darba l-Kawża ddum u li dan id-dewmien għandu jkun ikkalkolat mhux minn meta jseħħ l-inċident iżda minn meta tiġi intavolata l-kawża. Il-Qorti għandha ukoll tikkonsidra jekk id-dewmien kienx ħtija tal-konvenut, allura ma jkunx hemm tnaqqis jew ħtija tal-Attur li allura għandu jkun hemm tnaqqis. Bħala prinċipju dawn il-Qrati jgħidu li għandu jkun hemm tnaqqis ta' żewġ perċentwali għal kull sentejn tnaqqis. L-ewwel

sentejn ma għandhomx jittieħdu in konsiderazzjoni għaliex dan huwa meqjus raġjonevoli. F'dan il-każ il-Qorti qieset li tnaqqis bħal *lump sum* fl-ammont ta' 18% fil-mija jkun ġust.

**43.** Il-persentaġġ tad-danni permanenti huwa kruċjali għall-aħħar għaliex huwa dan li jiddetermina x'għandu effettivament l-ammont ta' danni likwidati. F'kawżi ta' korrimenti, il-Qorti neċessarjament tiddependi fuq l-opinjoni esperta ta' tobba u professuri. Meta l-Qorti taħtar espert tagħha għandha kemm jista' jkun tistrieħ fuq il-konklużjonijiet tiegħu b'dana ma jfissirx li din il-Qorti għandha tiskarta l-opinjoni ta' tobba ex parte li jkunu eżaminaw lill-Attur. L-importanti li l-Qorti toqgħod fuq opinjoni esperta u teknika u mhux tassumi dan ir-rwol f'materja tant teknika. Issa f'din il-Kawża skond rapport mediku ta' Alistair Pace (ex-parte) l-Attur għandu bejn 25% u 30% disabilita (ara a' fol 12). Skont Dr. Fredrick Zammit Maempel, maħtur mill-Qorti il-persentaġġ hu ta' 5% (a' fol 242).

**44.** Il-Qorti tirrikonoxxi li bejn rapport u ieħor hemm avarija u differenza li ma hiex żgħira. Ir-rapport ex parte fit-23 ta' April 2019 (a' fol ), iġifieri sena u erbgħa xhur mill-inċident mentri dak tal-espert tal-Qorti jġib id-data tas-7 ta' Ottubru 2021 cioe' tlett snin u għaxar xhur mill-inċident. Il-Qorti tifhem li r-rapport tat-tabib ex parte sar meta l-feriti kienu għadhom friski mentri dak tal-espert tal-Qorti sar aktar tard. Il-Qorti tifhem li sa dak in-nhar tar-rapport tat-tabib tagħha kien hemm xi fejqan pero' tara li ssibha diffiċli biex tasal għall-konklużjoni li kien hemm avarija ta' 20% jekk mhux 25%.

**45.** Fil-waqt li din il-Qorti għandha kull fiduċja fit-tabib minnha maħtura tħoss li l-persentaġġ ta' diżabilita' permanenti fil-każ odjern għandu jkun ta' 10% b'hekk tkun qed tagħmel tajjeb f'każijiet bħal dan, għall-element ta' diskrezzjoni li jaffettwa eżami mediku da parti ta' min ikun qiegħed jagħmel l-eżami.

**46.** Il-kalkolu dejjem isir fuq l-entrojtu tad-danneġġjant. Dan ħafna drabi jkun ibbażat fuq id-dikjarazzjoni tat-taxxa ta' dak li jkun jew bi prova diretta ta' min ikun qiegħed jagħmel il-ħlas. F'dan il-każ il-Qorti għandha t-tnejn, b'salarju ta' €250 gross u €241 nett fil-ġimgħa bħala deliveryman (a' fol 105, ara ukoll minn a' fol 105 tergo sa 109, fol 111, ara ukoll dokument a' fol 119 sa 126 għas-salarju). Għalhekk il-Qorti ser tagħmel il-kalkoli tagħha fuq l-ammont ta' salarju nett.

**47.** Pero' din il-Qorti tagħti ukoll importanza l-prinċipju tar-*restitution ad integrum*, fis-sens li l-vittma għandha titqiegħed fil-posizzjoni li kienet qabel ma seħħ l-inċident. Il-Qorti hija konxja, li dan il-prinċipju għandu aktar minn natura ta' dak li hu mixtieq milli ta' dak li hu rejali, għaliex huwa inumanament impossibbli li wara inċident gravi, l-persuna danneġġjata terġa' titqiegħed fl-istat psiko-fiżiku li kienet fih qabel seħħ l-inċident.

**48.** Din il-Qorti tqies dan l-element bħal integrita' tal-persuna. L-għotja ta' flus, kbira kemm tkun kbira, qatt ma tista' tirrintegra lill-vittma għall-istatus quo ante. Jekk l-Attur kien jipprattika sport, dan ma hux ser jagħmlu aktar, u jekk kellu l-ħila li jkollu żewġ impjiegi, issa l-anqas wieħed ma jista'

jkollu. Mhux ħtija tiegħu li ma baqax bniedem bil-ħiliet u kapaċitajiet li kellu qabel l-inċident.

**49.** Għalhekk dan l-aspett għandu wkoll jittieħed inkonsiderazzjoni. F'dan ir-rigward Munkmen isemmi l-każ ta' Heil -vs- Rankin fejn intqal hekk: "*The Court's approach involves trying to find the global sum which most accurately in monetary terms reflects or can be regarded as reflecting a fair, reasonable and just figure for the injuries which have been inflicted and the consequences they will have…"* (Ara **Munkmen on Damages for Personal Injuries and Death 12th ed, Lexis Nexis, pg 3**).

**50.** Dan huwa ammont li ma jistax ikun ikkalkolat fuq kriterji fissi iżda wieħed li jiġi likwidat mill-Qorti *ex bono et equo.* Għalhekk fiċ-ċirkostanzi sitt elef (€6000) ikun ġust u ekwu biex jagħmel għal dan l-aspett tal-integrita' tal-kapaċitajiet fiżiċi mankati fil-persuna tal-Attur.

**51.** Għalhekk danni tal-lucrum cessans huwa kalkolat hekk:

240 (salarju fil-ġimgħa) X 52 (sena) x 26 (ħajja lavorativa sa 65) = €324,480 – €58,406 (18 % lump sum payment)= €266,074. 10% (rata ta' diżabilita permamanent) of €266,074 = €26,607. Piu €6000 fuq imsemmija jammontaw għal tnejn u tletin elf, sitt mija u sebgħa ewro (**€32,607**).

**52.** Fl-aħħar nett irid jingħad ukoll li ġaladarba si tratta ta' telf futur, ikun ġust ukoll li jiġi kkunsidrat li dak li ser ikun likwidat, jittieħed

inkonsiderazzjoni li fil-ġejjieni dak li ser jingħata issa ser jitlef il-valur magħruf bħala "*purchasing power*" dovut dan għall-inflazzjoni tal-prezzijiet.

**53.** Kif jingħad "*The indication that standard awards would be adjusted for inflation can have a major practical effect. Such adjustment require the use of the Retail Price Index-imperfect instrument it may be, it is the best we have".* (Ara **Munken on Damages for Personal Injuries and Death; 12th Ed. Lexis Nexis pg 73**). Issa skond l-indiċi tal-inflazzjoni tal-prezzijiet anness mal-Kap 158 tal-liġijiet ta' Malta ir rata ta' inflazzjoni fl-2017 kienet 849.77 u sakemm ġiet biex tingħata din is-Sentenza telgħet għal 947.40, bl-aħħar aġġustament fl-2022. Għalhekk li kieku kellha din il-Qorti tqies ir-rata tal-inflazzjoni b' żieda ta' sitta fil-mija (6%) tkun ħaġa xierqa u ġusta. Dan ifisser li mal-ammont imsemmi aktar 'l fuq għandu jiżdied b'elf disgħa mija sitta u ħamsin punt tnejn u erbgħin ewro (€1956). Ifisser li l-ammont finali tad-danni qua lucrum cessans għandu jkun ta' erbgħa u tletin elf, ħames mija u tlieta u sittin erwo (**€34,563**).

**54.** Ma' dawn iridu jingħaddu l-ammont ta' ħmistax-il elf mitejn erbgħa u tletin punt tnejn u erbgħin ewro (€15,234). Għalhekk id-danni finali kollha jammontaw għal disgħa u erbgħin elf sebgħa mija u sebgħa u disgħin ewro (**€49,797**).

**Decide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-Kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni** tal-konvenuti u tillibera lil Christopher Borg u John Borg mill-osservanza tal-ġudizzju.

**Tilqa' l-ewwel talba Attriċi** u tikkundanna lis-Soċjeta' konvenuta unikament għall-inċident awtomobilistiku li seħħ fit-30 ta' Diċembru 2017.

**Tilqa' it-tieni u t-tielet talba attriċi** u tillikwida d-danni sofferti mill-Attur fl-ammont ta' disgħa u erbgħin elf sebgħa mija u sebgħa u disgħin ewro (**€49,797**).

**Tilqa' ir-raba talba Attriċi** u tikkundanna lis-Soċjeta' konvenuta tħallas is-somma hekk likwidata bl-imgħaxijiet legali mill-presenti sal pagament effettiv.

Bl-ispejjes a' karigu tas-Soċjeta' konvenuta ħlief tal-konvenuti l-oħrajn li jkunu a' karigu tal-Attur.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**